MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 334/2012

**Zheta International Limited C 48860**

**vs**

**Probe Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-8 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef u hmistax-il Ewro (€5,015) rapprezentanti servizzi debitament rezi lilhom.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kontra s-socjeta' konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata nhar id-19 ta' Frar, 2013 fejn eccepiet:

*"Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante li kwalunkwe ammont talvolta dovut favur is-socjeta' attrici huwa kondizzjonat minn prestazzjonijiet attrici li sallum ghadhom ma nghatawx skond kif pattwit;*

*Illi fil-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ghar-raguni ta' exceptio non rite adempleti contractus, fis-sens illi l-istess attrici naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali taghha peress li dak li ghamlet kien inkomplet u kwindi karatterizzat minn nuqqas u nadempjenza kuntrattwali.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Semghet ix xhieda prodotta mill-partijiet.

**Jason Mallia** xehed fit-22 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *managing director* mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li s-socjeta' attrici taghmel xoghol ta' *advanced web sites* fuq kwistjonijiet ta' branding u multimedia u dan kien proprju l-inkarigu li tatha s-socjeta' konvenuta. Huwa qal li fil-bidu r-relazzjoni ta' bejn is-socjetajiet kontendenti kienet wahda b'sahhitha u kienu gew mitluba minnhom sabiex jaghmlu certu progetti li jikkoncernaw website li jisimha Probe Trading, jaghmlu wkoll logo, facebook application u xi updates fuq il-website in kwistjoni. Stqarr li naturalment huma esegwew l-inkarigu moghti lilhom u dan kien fis-sajf tal-elfejn u hdax. In segwitu huma talbu li jithallsu tax-xoghol li kienu ghamlu u cioe' s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef u hmistax-il ewro. Pero' sal-lum il-gurnata huma ghadhom ma thallsux tax-xoghol li wettqu. Huwa esebixxa kopja tal-kuntratt li l-Qorti mmarkat bhala Dok. ZI. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-invoice relattiva li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok. ZI1. Huwa spjega li flimkien mal-invoice hemm ukoll statement.

Ix-xhud iddikjara li skont il-kuntratt kellhom jithallsu 25% mal-iffirmar tal-kuntratt li sahansita ma gewx imhallsa, 25% fuq confirmation tal-page design u esebixxa kopja ta' din il-confirmation li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok ZI2 u l-bilanc ta' 50% kellu jithallas mal-kumplament tal-web site.

Huwa qal li kienu baghtulu corporate logo u fil-fatt esebixxa kopja tal-logos li baghtulhom u li l-klijent effettivament ghazel wiehed minnhom. Dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dok. ZI3. L-ahhar pagament kellu jsir f'Novembru 2011 izda sal-lum ghadu ma sarx. Huwa sostna li l-ammont mitlub fir-rikors promotur jirrapprezenta l-ammont kollu dovut mis-socjeta' konvenuta. Dawn il-pagamenti baqghu ma saru qatt.

**Jason Mallia** rega' xehed in kontro-ezami fid-9 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li r-relazzjoni tieghu kienet mas-Sur Etienne Cini u kellu jahdem fuq zewg progetti, dan mertu ta' din il-kawza u progett iehor. Mistoqsi jispjega x'tip ta' xoghol kellu jaghmel in konnesjoni mal-kawza odjerna qal li kienu bdew billi ghamlu *logo* ghas-socjeta' konvenuta u dan sabiex il-progett fih innifsu jkollu identita'. Fil-fatt ghamlu diversi *logos* u sussugwentement kien hemm ukoll il-progett tal-website in kwistjoni. Sar disinn, u fil-fatt kienu tawh zewg *samples* biex jaghzel minnhom u zviluppaw dak li ghazel. Huwa cahad dak li gie ssugerit lilu li effettivament Etienne Cini ma ghazilx xi wiehed mill-logos li gie provdut lilu u li kien hu li provdilhom il-logo. Gie muri logo li huwa esebit fl-atti a fol 68 u kkonferma li dan il-*logo* kien ipproducieh huwa stess u dwar dan hemm ukoll emails ta' Becky D'Agatha li effettivament kienet tahdem mieghu dak iz-zmien b'*attachment*. Propju dan kien l-attachment in kwistjoni u kien gie mibghut lil Etienne Cini. Fuq dan il-logo effettivament kienu saru wkoll xi emendi ghaliex ziedu Malta, Dubai u Italy fuqu.

Ix-xhud stqarr li d-*designers* ta' Etienne Cini effettivament ma kienu ghamlu xejn lanqas in konnessjoni mal-website, ghax kollox kien sar minnhom. Huwa tenna li ghandhom ukoll *time sheets* biex jillogjaw dak kollu li l-haddiema taghhom kienu jaghmlu fuq dan il-progett. Ghalhekk

ikkonferma li l-website in kwistjoni saret minnhom mill-bidu sal-ahhar (sottolinear ta' din il-Qorti). Pero' kien hemm id-djalogu minn naha ta' Etienne Cini fis-sens li ppartecipa dwar il-hsieb tieghu biex jigi progettat il-*website*. Ghalhekk fil-fehma tax-xhud illum il-gurnata il-website in kwistjoni hija lesta. Il-kontenut mhux qieghed hemm ghax dan naqas li jaghmlu l-klijent. Naturalment il-klijent irid jaghtihom il-kontenut u dan huwa naqas li jaghmlu. Mistoqsi ghaliex effettivament il-prodotti li kien ghaddielu Etienne Cini mhux qeghdin riflessi fil-*website*, wiegeb li dan mhux minnu, ghax dak li tahom effettivament huwa rifless fil-*website*. Hemm link rosetta.zhetainternational.info, tidhol fiha u tarhom.

Ix-xhud spjega li huma kellhom problema rigward is-*silver graph* biss ghax huwa xtaq li jkun hemm feed fis-sens li tkun tista taqbad ma' barra biex tara kemm kien il-prezz tal-fidda dak il-jum barra minn Malta. Din it-talba ma kinitx inkluza fil-kuntratt u x-xhud ghamilha minn rajh bla hlas ta' xejn. Ix-xhud iddikjara li skont il-kuntratt huma kellhom jithallsu 25% mal-iffirmar tal-ftehim izda peress li kellhom relazzjoni tajba dwar it-tieni progett u l-hlas kien qieghed isir, ix-xhud hass li kelli jafda lill-klijent. Fil-fatt huwa kien lest li jaghtih aktar zmien ghall-hlas anke li jhallsu fl-ahhar. L-ahhar pagament kellu jsir meta tigi *launched* il-website. Mistoqsi jekk il-website effettivament gietx *launched*, wiegeb li iva saret. Fil-fatt kien hemm email mibghuta lil Etienne Cini u staqsieh jekk ix-xhud setghax idahhal din il-website fil-portfolio tieghu u b'hekk tigi *launched* fuq l-Internet. Etienne Cini kien wiegeb lix-xhud li kien pjacir tieghu li jsir hekk. Minn dak il-mument il-website tieghu kienet giet *launched*. Mistoqsi ezattament meta giet *launched* din il-website wiegeb li ma jiftakarx. Pero' jekk jara d-dokumentazzjoni esebita jkun f'pozizzjoni li jitkellem ahjar. Ix-xhud irrizerva li jesebixxi dokument li jindika meta effettivament din il-website giet launched.

**Jason Mallia** rega' xehed in kontro-ezami fit-30 ta' Ottubru 2013 fejn esebixxa email li hi datata 9 ta' Novembru 2011 fejn kien kiteb lil Etienne Cini u kien staqsieh jekk kienx possibbli li jinserixxu l-website li kienu krejaw fil-portfolio taghhom u fl-istess gurnata Etienne Cini

kien wiegbu 'sure with pleasure'. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument ST. Huwa ghamel referenza ghall-klawsola li tidher fil-kuntratt iffirmat bejniethom liema klawsola ggib in-numru bullet 3.1 li tghid "*following the completion of the website and final acceptance by the Customer the developer shall be permitted to list the customer and the customer's website on the developer's website and in any of it's marketing and advertising as having been developed by the developer. The material included in the developer's website shall include the hypertech's link to the customer's website. The customer shall have the full discretion as to the form and contents of such acknowledgement and the appearance of any link*". Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok ST1.

Ix-xhud gie muri l-email esebit fl-atti a fol 73 u mmarkat mill-Qorti bhala Dok PT5 datata 22 ta' Frar 2012. Huwa spjega li dakinhar kien hemm skambju shih ta' emails bejniethom u s-suggett kien fuq Probe Technologies u mhux Probe Trading kif inhi l-mertu tal-kawza in kwistjoni, u fil-fatt esebixxa l-konversazzjoni kollha tal-emails relattiva ghal dan l-email li gie indikat lilu u li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok ST2. Huwa kkonferma li huwa minnu dak li gie suggerit lilu li effettivament dak li qed jghid is-Sur Etienne Cini fuq il-progett l-iehor li kellu pendenti mieghu, Cini kien hallsu s-somma ta' €4,000. Huwa minnu li x-xhud ircieva din is-somma rigwardanti Probe Technologies u meta qal li huwa ma rceviex flus ried ifisser li hu ma rceviex flus in konnessjoni ma' Probe Trading Limited. Fil-fatt dwar dan kien hemm sahansitra kuntratt separat bejn iz-zewg kumpaniji. Kien hemm sitt cekkijiet involuti u fil-fatt l-ahhar zewg cekkijiet ma ssarfux u ghalhekk ix-xhud kellu jiftah kawza ohra. Naturalment il-kawza pendenti tinsab fil-konfront ta' Probe Technologies Limited.

Saritlu referenza ghal e-mail esebieta fl-atti mmarkata mill-Qorti bhala Dokument ZI2 a fol 39 tal-atti. Mistoqsi jekk ghandux xi email minghand Etienne Cini fejn id-design ghar-Rosetti kien giex konfermat jew le, wiegeb li e-mail per se' ma ghandux. Pero' mistoqsi mill-Qorti jekk

sussegwentement ghal din l-email sarx xi zvilupp rigwardanti dan il-*concept* qal li iva effettivament sar. Ix-xhud tenna li kien sar zvilupp - kien sar *packing, coding, front end* u *back end*. Mistoqsi ghaliex effettivament is-sur Cini qal li kien hemm xi prodotti li ma kienux gew u li kienu fuq il-website tax-xhud, wiegeb li effettivament huma dahlu kull prodott li tahom il-klijent. Effettivament is-sur Cini qatt ma kkomplejnja maghhom dwar il-prestazzjoni taghhom. B’referenza ghal dak li qal Etienne Cini li dan il-progett qatt ma gie attivat fuq il-facebook, huwa esebixxa dokument li l-Qorti mmarkat bhala Dokument ST3 li jindika li huwa Google analytics, li jaghti statistika minn Novembru 2012 sa April 2012 fejn jindika li kien hemm 25 *visitors* mill-facebook. Dan il-perjodu meta effettivament huwa tella’ l-website tieghu, ix-xhud iddikjara li l-klijent beda jinjorah u ghalhekk nehha l-website.

Dwar dak li stqarr Etienne Cini rigwardanti s-silver graph ix-xhud spjega li fil-kuntratt ma hemm l-ebda referenza ghal dan it-tali servizz u dan jista’ jinghad una volta tara dak li hemm miktub fil-*website specifications* a fol 5 tal-kuntratt. Huwa esebixxa kopja tal-*exchange* ta’ emails li gew immarkati bhala Dokument ST4 fejn hemm indikat li kien hemm *annual fee* u dan sabiex ix-xhud ikollu l-link sabiex ikun jaf il-valur ta’ deheb u fidda fil-jum partikulari. Cini ghalhekk ma kienx interessat li jhallas din l-*annual fee* u ghalhekk il-link ma saritx. Pero’ x-xhud stqarr li nonostante dan, huma sabu sors b’xejn minn Yahoo u ghalhekk il-link saret ukoll. Mistoqsi jekk hemmx xi differenza bejn sors li huwa b’xejn u dak li jsir permezz ta’ hlas, qal li meta inti thallas ghas-servizz ikollok mistrieh tal-mohh li effettivament is-servizz ser ikun hemm dejjem. Meta tiehu link li hija b’xejn il-Yahoo jkollu kull dritt li jbiddel xi *codes*, u fil-fatt ikollhom certi klijenti b’*maintenance agreement* fejn jiccekkjaw dawn l-affarijiet. F’dan il-kaz il-graph kienet hemmhekk. Ix-xhud ghandu l-*print screen* bil-*codes* u dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dok ST4. Huwa esebixxa wkoll *exchange* ta’ emails li saru bejn ix-xhud u bejn Etienne Cini li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok ST5 u dan bl-attachement tal-Logo tal-kelma Rosetti li jinsabu nseriti fl-atti u mmarkati bhala Dokument ZI3 a fol 44 et seq tal-process. Huwa ghandu

wkoll *internal e-mails* li gew immarkati bhala Dok ST6 fejn hemm indikat il-logo li effettivament ghazel il-klijent.

**Etienne Cini** xehed fis-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' konvenuta. Huwa kkonferma li huma kienu inkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex taghmlilhom website u branding tal-prodotti taghhom. Naturalment is-socjeta' attrici kienet tat xi proposals minn naha taghhom. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dawn il-proposals li l-Qorti mmarkat bhala Dokument PT. Huwa spjega li dawn il-proposals ma gewx accettati mis-socjeta' konvenuta u sussegwentament intervjena x-xhud stess u ghamlu Logo gdid. Ix-xhud esebixxa kopja tieghu li l-Qorti immarkat bhala dokument PT1.

Mistoqsi min ghamel ix-xoghol in konnessjoni mal-logo esebit PT1 wiegeb li dan sar minnu stess u minnhom. Dan ghax huwa ghandu designers tieghu go Dubai u dawn intervjenew f'dan ix-xoghol. Fil-fatt esebixxa kopja ta' wahda mill-proposals li kienu tawhom minn ta' Dubai u li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PT2. Huwa esebixxa kopja tal-website taghhom li x-xhud ipprintja minnha dakinhar stess u li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PT3. Huwa stqarr li kellu jintervjeni anke sabiex saret din il-website. L-address tal-website hija dik tas-socjeta' attrici u ghadu ma giex delivered ghand is-socjeta' konvenuta. Hemm certu features li ghadhom vojta kif sahansitra jirrizulta anke minn dan id-dokument PT3. Filfatt hemm ritratt ta' prodott wiehed li lanqas fil-fatt jinbiegh minnghand is-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li dawn id-dokumenti gew printjati minnu dakinhar tas-seduta stess.

Ix-xhud tenna li huma fil-fatt qalu lis-socjeta' attrici li m'humiex komdi bis-servizz taghhom, qalulhom ukoll li jekk huma kienu lesti li jlestu l-job taghhom, is-socjeta' konvenuta kienu lesti li jhallsuhom. Meta fethet din il-kawza s-socjeta' attrici baghtet kopja tal-facebook page li l-Qorti mmarkat bhala dokument PT4, u stqarr li la huwa u lanqas klijenti ohrajn qatt ma uzawha. Huwa esebixxa kopja tal-email li x-xhud stess kien baghat lis-socjeta'

attrici datata 22 ta’ Frar 2012 u li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PT5 fejn huwa kien talabhom sabiex ilestu din il-website. Esebixxa wkoll email ohra li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PT6 datata 13 ta’ Ottubru 2011 fejn hemm miktub li Silvergraph functionality ma kinitx tahdem sew. Fil-fatt ix-xhud esebixxa wkoll email ohra li hija datata 4 ta’ Novembru 2011 fejn kienu qed jipproponu biex jiltaqghu u jaghmlu training fuq il-website. Din ukoll giet immarkata mill-Qorti bhala dokument PT7 u dan meta l-website in kwistjoni kellha tkun lesta sentejn qabel.

Ix-xhud iddikjara li huma kellhom ftehim li l-pagamenti kellhom isiru fi tliet okkazjonijiet. 25% kienu inizjalment bhala deposit. Dan sar permezz ta’ cekk, ic-cekk ma ssarrafx u x-xhud kien gie nfurmat li kienu tilfuh u ma semghu xejn aktar. Dan huwa kien tah lill-assistenta tieghu Becky D’Agatha. Kellu jsir pagament iehor ta’ 25% *on confirmation of the design*, li ma tahomlux lanqas ghax fil-fatt id-disinn qatt ma gie kkonfermat. Il-handing over li kellu jithallas kien il-bilanc ta’ 50% izda ma sarx lanqas u allura ma hallasx. Allura x-xhud sostna li ghal dan is-servizz sa llum il-gurnata ma hallas xejn. Huwa spjega li apparti din il-website kien tah xoghol iehor in konnessjoni ma’ website ohra. Huwa kien tah is-somma ta’ erbat elef, mija u sittin ewro (€4,160) pero’ dan l-ammont jifforma mertu ta’ kawza ohra.

In kontro-ezami gie mistoqsi jekk ghandux kopja ta’ dan ic-cekk li effettivament kien ghamel bhala l-ewwel pagament wiegeb li le ma ghandux u lanqas *complimentary slip* ma ghandu. Pero’ n-numru tac-cekk u l-mamma ghandu. Sostna illi m’ghandux ricevuta u c-cekk ma ssarrafx. Huwa ma ghamilx it-tieni pagament ghax id-*design* qatt ma gie kkonfermat minnu u dan ghax qatt ma kien sodisfatt u sostna illi ghandu x’juri.

Mistoqsi jekk infurmax lill-attur bis-servizz li tahom wiegeb li iva. Dan jirrizulta mill-email li kien baghat fit-22 ta’ Frar 2012. Apparti dan huwa kien icempillu izda l-attur ma jwiegbux. Il-*content* imsemmi f’dan l-istess email huwa parti mid-design. Dan il-*conten*t jigi ssugerit lix-xhud pero’

ma jkunx hu li jinserih fil-website. Il-materjal pero' sostna illi lis-socjeta' attrici kollu ghaddihula u huma ma kienux qed jaghmlu l-*loading* tal-prodott. Huwa bhala informazzjoni kien ghaddielhom kollox.

Ix-xhud ikkonferma li huwa ghaddielu l-prodott tieghu. Il-prodotti li hemm murija fil-website ma humiex il-prodotti tax-xhud. Fil-fatt hemm katalogu mimli bil-prodotti li huwa accessibli u li kellu jigi *uploaded* u ma giex. *Step one* kellu jigi d-design. Ix-xhud kien urihom l-affarijiet li ma ghogbuhx sabiex jigu rrangati. Pero' x-xhud ma jaqbilx li effettivament is-socjeta' attrici hadmet fuq dawn l-affarijiet. Din il-website in kwistjoni fiha erba' pagni biss. Huwa spjega li l-faccata li l-Qorti mmarkat bhala dokument X kellha tigi llinkjata ma' site ohra li taghti prezzijiet ta' deheb u fidda kuljum u jigu riflessi fil-website tas-socjeta' konvenuta permezz ta' *chart* u dan ma sarx, fil-fatt ma hemm l-ebda *chart*. Dan kien parti mill-ftehim tal-*concept* tad-design.

Mistoqsi jekk huwiex minnu li *source code* tal-website l-ohra mhix f'idejn l-attur wiegeb li ma jafx. Waqt li l-prodott li huwa muri fuq il-website in kwistjoni mhux prodott li jipproduci x-xhud. Is-socjeta' attrici verament qalet lix-xhud li l-prodott kien lest pero' huwa ma qabilx maghha ghax ma kienx sodisfatt. Mistoqsi jekk huwiex minnu li l-attur kien talbu biex jelenka l-website tieghu fuq il-portfolio tieghu, spjega li qallu li huwa kien lest li jaghmilha una volta tkun lesta. Mhux minnu pero' li kien ra l-website, kien kuntent biha u  li seta' jippostjaha. Pero' x-xhud kien tah permess li seta' jaghmel hekk una volta tkun lesta.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' konvenuta in linea preliminari eccepiet l-intempestivita' ta' l-azzjoni ghaliex stqarret li l-prestazzjoni tas-socjeta' attrici ghadha ma nghatatx sal-lum.  Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet '**Atlas Insurance Agency Limited vs Sea Malta Company Limited et'**, Citaz. Nru. 1263/00, deciza fid-29 ta' Ottubru 2002, "*eccezzjoni ta' intempestività minhabba nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel*

*ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez giudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza ikollha meritu li kieku l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas. Ladarba izda saret kontestazzjoni, is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghal xejn u ghalhekk l- l-eccezzjoni dwar l-intempestivita' qed tigi michuda molto piu' meta tqis li s-socjeta' konvenuta kienet halset permezz ta' zewg cekkijiet li ma gewx onorati, liema zewg cekkijiet qatt ma gew replaced."*

Illi pero' fil-mertu l-konsiderazzjonijiet ta' dritt f'din il-kawża jintrabtu ma' żewġ ordnijiet ta' ħsieb. F'naħa waħda hemm il-pretensjonijiet tal-ħlas tas-socjeta' attrici Zheta International Limited, imnissla min-nuqqas ta' ħlas f'waqtu tas-socjeta' konvenuta u l-allegat inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' din. Fin-naħa l-oħra, hemm il-pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta dwar l-inadempiment kuntrattwali min-naħa tas-socjeta' attrici li tiġġustifika li ma jsirilhiex il-ħlas li qiegħda tippretendi mingħandha.

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ l-allegazzjonijiet taż-żewġ partijiet dwar ksur tal-kuntratt.

Illi f'każ fejn iż-żewġ partijiet f'kuntratt jixlu lil xulxin b'nuqqas ta' twettiq, il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġieba tal-parti l-waħda ma' dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalita' u kif ukoll il-korrispettivita' tal-prestazzjonjiet mhux imwettqin, ħalli jkun f'qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq

bejniethom (App. Inf. PS 10.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello')</u>**;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (**Art. 1125 tal-Kap 16).**

Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun; Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni - **Art. 1127 tal-Kap 16**. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel (P.A. 13.12.1952 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Galea vs Calleja'</u>** (Kolez. Vol: XXXVI.ii.578) jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas (Kumm. 13.2.1952 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Petroni vs Petroni noe'</u>** (Kollez. Vol: XXXVI.iii.629);

Illi huwa stabbilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas P.A. MCC 9.4.1968 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et'</u>** (mhix pubblikata); Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja (**Art. 1132(1) tal-Kap 16**). Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni (**Art. 1133 tal-Kap 16**). Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien

miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri (**Art.1134 tal-Kap 16**);

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qliegħ imtellef (**Art. 1135 tal-Kap 16**), sakemm jintwera li tali telf jew tali qliegħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (**Art. 1137 tal-Kap 16**). Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni (**Art. 1136 tal-Kap 16**).

Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus* bhal fil-kaz in ezami. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt (App. Kumm. 12.3.1965 fil-kawża fl-ismijiet '**Aquilina vs Utrinque'** (Kollez. Vol: **XLIX.i.518)**. Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti (App. Inf. PS 15.1.2010 fil-kawża fl-ismijiet '**Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd.**');

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra (App. Ċiv. 3.6.1938 fil-kawża fl-ismijiet '**Muscat vs Attard et'** (Kollez. Vol: XXX.i.155). Minbarra

dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka Ara App. Ċiv. 29.10.2010 fil-kawża fl-ismijiet '**Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe**';

Illi dan huwa konsistenti mal-principji enuncjati fis-sentenza "**Amal Aluminium Works vs Carmel Ebejer**" (P.A. (RCP) – 26 ta' Marzu 2009) fejn inghad li *"meta l-appaltatur ma jottemprax ruhu mal-ftehim, jigifieri illi xxoghol jigi mwettaq mhux skond l-arti u s-sengha mhuwiex intitolat ghall-hlas. ("**Vella vs Bugeja**" A.I.C. (PS) -3 ta' Frar, 2003; "**Borg vs Buttigieg de Piro**" P.A. -13 ta' Jannar, 1995; "**Mark Spiteri noe vs David Connaughway noe**" P.A -6 ta' Marzu, 1998; u "**John Bonnici noe et vs Anthony Sammut**" A. C. -22 ta' Gunju, 1994)".*

"E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).

Illi biex wieħed jara sewwa x'inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f'din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom.

Illi s-socjeta' attrici resqet lil Jason Mallia, Direttur taghha jixhed u jispjega dwar ir-relazzjoni kummercjali li huwa kellu mas-socjeta' konvenuta rigward il-kawza in kwistjoni. Spjega li s-socjeta' attrici giet inkarigata taghmel ghas-socjeta' konvenuta xoghol ta' *advanced web sites* fuq kwistjonijiet ta' branding u multimedia. Qal li x-xoghol kellu jinkludi li jaghmlu logo, facebook application u xi updates

fuq l-website in kwistjoni u dan kif jirrizulta mill-kuntratt iffirmat bejniethom u esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok ZI. Mallia stqarr li huma kienu ftiehmu ukoll kif kellu jsir il-hlas pero' minkejja il-ftehim ta' bejniethom is-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament minkejja li x-xoghol kien tlesta. Ikkonferma li kien baghat ukoll invoice relattiva ghax-xoghol li s-socjeta' attrici ghamlet u cioe' dik esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok ZI1.

Mallia ikkonferma li x-xoghol li kellu jaghmel sar kollu u li sahansitra s-socjeta' konvenuta kienet taf ukoll li x-xoghol kien lest u dan ghaliex kien baghat e-mail lil Etienne Cini ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fejn kien talabha jekk setghax ipoggi il-website li hadmu fuqha ghas-socjeta' konvenuta fuq il-portfolio tieghu u s-socjeta' u dan ma oggezzjonax. Jghid li fil-website hemm il-prodotti kollha li gew mghoddija lilu minn Etienne Cini u li sahansitra mhux talli giet launched, izda anke l-application tal-facebook saret tant li esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok ST3 li jindika l-facebook clicks li kien hemm waqt li l-website kienet launched fuq il-facebook. Naturalment wara li s-socjeta' ma ircevietx il-hlas dovut lilha, hija nehhiet il-website minn fuq l-internet. Illi ma hemmx dubbju li l-website kien gie launched ghaliex kien lest u dan in adempiment ma' dak li jistipula l-kuntratt stess f'bullet numru 3 li jipprovdi is-segwenti: "*Following completion of the website and final acceptance by the Customer, Developer shall be permitted to list the Customer and the Customer's website on Developer's website and in any of its marketing and advertising as having been developed by the Developer. The material included on Developer's website shall include a hypertext link to the Customer's website…*"

Illi minn ezami tad-dokument ST 2 esebit fl-atti jidher li dan il-website kien launched f'Novembru 2011 u ghalhekk kien lest. (Fil-fatt fix-xhieda ta' Etienne Cini tas-26 ta' Gunju 2013 dan jghid li ma kellux oggezzjoni li s-sit jigi posted fuq il-website tas-socjeta' attrici una volta tkun lesta). Minn ezami tal-email jirrizulta li effettivament is-socjeta' konvenuta kienet sahansitra anke hallset permezz ta' zewg *post dated cheques* pero' dawn ma

ssarfux u hu appuntu ghalhekk li l-ammont kollu mitlub ghadu dovut. Cini ma jichadx li effettivament kien hareg zewg cekkijiet u meta gie mistoqsi jekk kellux kopja taghhom wiegeb fin-negattiv u lanqas complimentary slip li kien tah l- bank ma kellu fil-pussess tieghu.

Etienne Cini ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kien allega li kien hemm xi prodotti li kien ghadda lis-socjeta' attrici u ma gewx impoggija fil-website pero' Mallia dan cahdu tant li qal li jinsabu kollha fil-website fuq l-link rosetta.zhetainternational.info. Cini stqarr ukoll li kien hemm xi probelma dwar is-silver graph u cioe' sabiex ikun hemm link dirett fuq il-website ghal prezz tad-deheb u tal-fidda dakinhar tal-vizita fuq is-sit. Mallia spjega li din setghet saret permezz ta' zewg modi - jew bla hlas izda f'dak il-kaz kollox kien jiddependi fuq l-internet u sakemm dak is-servizz jinghata b'xejn jew addirittura isir xi hlas ghaliha u fil-fatt esebixxa xi emails li gew immarkati bhala Dok ST4 ghal liema emails ma jidhirx li s-socjeta' konvenuta wiegbet b'mod affermattiv. Fil-fatt fl-email datata 29 ta' Lulju 2011 Jason Mallia qed jaghmel referenza ghal dan is-servizz jew ahjar link fejn qed jitlob lil Cini ghal go ahead sabiex jixtri din il-link pero' dan baqa' bla twegiba. Cini allega wkoll li hafna mil-logos gew mahduma minnu jew ahjar mid-designers tieghu gewwa Dubai pero' prova ulterjuri dwar dan ma ressaqx. Filwaqt li Mallia jichad din l-allegazzjoni u jghid li x-xoghol sar kollu tramite s-servizz ta' l-ufficcju tieghu. Ix-xhud Mallia deher konsistenti f'dak li qal u sahansitra dejjem ikkolobora dak li qal waqt li kien fil-pedana tax-xhieda bl-esebizzjoni ta' dokumenti idoneji, liema dokumentazzjoni ma giet michuda qatt mis-socjeta' konvenuta.

Illi ma jidhirx fl-atti li effettivament s-socjeta' konvenuta qatt ilmentat mis-servizz tas-socjeta' attrici qabel ma nfethet din il-kawza (kif del resto stqarr l-attur stess) u ghalhekk il-Qorti thoss li l-eccezzjoni ta' *exception non rite adempleti contractus* nghatat bhala skuza u sabiex jipprolunga z-zmien ghal hlas.

Illi wara li l-Qorti fliet sewwa l-provi mressqa, magħduda dawk dokumentali, hija tasal għall-fehma li ma huwiex

minnu li s-socjeta' attrici naqset milli twettaq dak li ntrabtet bih, minkejja dak li tallega s-socjeta' konvenuta. Illi minn din il-ġabra kollha ta' fatti u kostatazzjonijiet, il-Qorti ma tistax issib li s-socjeta' attrici ħtiet lejn is-socjeta' konvenuta b'xi nuqqasijiet rilevanti li jwassluha biex titqies inadempjenti u għalhekk l-eċċezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma humiex misthoqqa.

**In vista tal-provi kollha migbura, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tichad l-ecezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lis-socjeta' konvenua thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef u hmistax-il Ewro (€5,015).**

**L-ispejjez tal-procedura odjerna kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur ghandhom jigu addebitati lis-socjeta' konvenuta u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel invoice datat 27 ta' Gunju 2011 indikat fl-atti a fol. 34.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------